MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2014

Avviz Numru. 281/2014

**Charlene Mercieca**

**vs**

**David Dimech u Chris Dimech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici li gie pprezentat nhar it-13 ta' Awwissu 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti prevja kull dikjarazzjoni ta' din l-Onorabbli

Qorti hekk meqjusa necessarja, huma, jew min minnhom, ihallsuha s-somma ta' erbat elef, mija u ghoxrin ewro (€4,120.00), rapprezentanti din is-somma, kwantu ghas-somma ta' erbat elef ewro (€4,000.00) bhala rimbors tad-depozitu mhallas minnha lilhom fuq xoghol ta' tqeghid ta' turgien tal-azzar u injam fl-appartament taghha gewwa Triq D'Argens, San Giljan, li huma gew inkarigati jaghmlu, liema xoghol baqa' qatt ma sar, u kwantu ghas-somma ta' mija u ghoxrin ewro (€120.00), spejjez inkorsi mill-attrici kawza tal-istess nuqqas taghhom.

Bl-imghax fuq dan l-ammont, u bl-ispejjez kontrihom il-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti kienu debitament notifikati skond riferta pozittiva tal-Purtier Saviour Falzon datata 21 ta' Awwissu 2014 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizzi tal-konvenuti kif moghti fir-rikors promotur tal-attrici.

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2014 il-konvenuti gew imsejjha izda ma dehrux, biex jikkontestaw it-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tal-attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuti dakinhar tat-22 ta' Ottubru 2014.

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2014 il-konvenuti ma dehrux ghas-subizzjoni tieghu sabiex iwiegeb id-domandi attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tal-attrici jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici s-somma ta’ erbat elef, mija u ghoxrin ewro (€4,120) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors promotur.**

**L-ispejjez a karigu tal-konvenuti.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------